

Brussell, 21 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9184/25

AGRI 205
AGRIORG 62

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Is-sitwazzjoni tas-suq, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna u l-bidla fil-politika tariffarja tal-Istati Uniti - <i>Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri</i> - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) tas-26 ta' Mejju 2025, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dokument ta' informazzjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

Is-swieq agrikoli tal-UE juru sinjali pożittivi ta' rkupru lejn sitwazzjoni stabbli. B'mod ġenerali, il-livelli tal-prezzijiet huma konformi mal-medji storiċi, il-prezzijiet tal-fatturi produttivi qed jonqsu għalkemm għadhom oġġla mil-livelli ta' qabel il-COVID, u l-inflazzjoni tal-ikel naqset għalkemm il-prezzijiet għadhom għoljin.

Is-setturi koperti minn dan id-dibattitu jiffaċċjaw sfidi differenti f'livelli differenti. Kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, bħan-nixfa, il-ġlata f'wiċċ l-art jew l-għargħar, tifqigħat aktar frekwenti ta' mard tal-annimali u tal-pjanti u tensjonijiet fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE, inkluż bidliet fit-tariffi tal-Istati Uniti, jikkostitwixxu elementi ċentrali f'dan id-dibattitu.

F'Diċembru li għadda, b'reazzjoni għad-diffikultajiet u l-isfidi ffaċċjati mill-bdiewa tal-UE f'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni ressqet proposta biex temenda xi wħud mir-regoli dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (OKS), sabiex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel. Fid-19 ta' Mejju 2025, ir-rappreżentanti tal-istati membri fil-Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura (KSA) approvaw il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar din il-proposta għal emenda mmirata tar-regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-prodotti agrikoli (OKS). In-negozjati mal-Parlament Ewropew mistennija jibdew f'Settembru, ladarba l-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu.

Fl-aħħar nett, l-isfidi fis-settur tal-inbid huma relatati ma' problemi strutturali kif ukoll ma' avvenimenti naturali li xi drabi jaffettwaw reġjuni differenti b'mod differenti. F'Diċembru li għadda, il-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Politika tal-Inbid ħareġ sett ta' rakkomandazzjonijiet immirati biex jiżguraw l-istat it-tajjeb tas-settur tal-inbid tal-UE. Il-Kummissjoni ppreżentat proposta tard f'Marzu biex tindirizza dalwaqt il-ħtiġijiet urġenti tas-settur tal-inbid. Il-proposta bħalissa qed tiġi eżaminata fil-livell tal-Kunsill.